



Brussell, 29 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14847/22

TRANS 713
MAR 210

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 13651/22	
Suġġett:	Tħejjija tal-laqqgħa tal-Kunsill (<u>Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija</u>) tal-5 ta' Diċembru 2022 Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Iżvilupp li qed isir fit-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni (NAIADES III)" – Approvazzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. It-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni huwa mezz ta' trasport sostenibbli u inqas konġestjonat, li jista' jkollu rwol ċentrali għall-isforzi tal-Unjoni biex tiġi dekarbonizzata s-sistema tat-trasport. Il-Presidenza Ċeka tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-benefiċċji offruti mill-passaġġi tal-ilma interni filwaqt li tenfasizza wkoll l-isfidi li qed jiffaċċa s-settur.
2. Għalhekk il-Presidenza ddeċidiet li tiżviluppa konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp potenzjali ta' dan il-mezz ta' trasport.

II. ĦIDMA FIL-KORP PREPARATORJU TAL-KUNSILL

3. Abbażi ta' proposta abbozzata mill-Presidenza, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu ddiskuta u żviluppa t-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet fil-laqqgħat tiegħu tal-5, it-12 u s-26 ta' Settembru u tat-3 ta' Ottubru 2022.

4. Sussegwentement, l-abbozz ġie ppreżentat lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, li, fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Novembru, ikkonferma l-qbil tiegħu dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li jinsab fl-Anness għal dan ir-rapport u ddeċieda li jippreżentah lill-Kunsill TTE fil-5 ta' Diċembru 2022 għall-approvazzjoni.

III. KONKLUŻJONI

5. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet dwar l-iżvilupp li għaddej tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni (NAIADES III), kif jinsab fl-anness.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-IŻVILUPP LI QED ISIR
FIT-TRASPORT FIL-PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI (NAIADES III)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA

- il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew¹;
- il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur"²;
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2018 bit-titlu "Trasport bin-navigazzjoni interna – naraw il-potenzjal tiegħu u nippromwovuh!"³;
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2020 bit-titlu "Is-Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE – Prospettiva futura: Lejn Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv"⁴;
- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "NAIADES III: It-tisħiħ tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni Ewropej li jibqa' validu fil-futur"⁵;
- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Pjan ta' kontinġenza għat-trasport"⁶;
- il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030⁷;

¹ ST 15051/19 + ADD 1.

² ST 14012/20 + ADD 1.

³ ST 15144/18.

⁴ ST 8648/20.

⁵ ST 10214/1/21 REV 1.

⁶ ST 9490/1/22.

⁷ ST 8219/20 + ADD 1.

FILWAQT LI JFAKKAR fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, filwaqt li JENFASIZZA l-importanza tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħidma li qed titwettaq u l-kompetenzi tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR), tal-Kummissjoni tad-Danubju, tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna (CESNI), tal-Kummissjoni Internazzjonali tal-Baċin tax-Xmara Sava, tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) u tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju (EUSDR), kif ukoll ta' organizzazzjonijiet u fora internazzjonali oħra fis-settur tan-navigazzjoni interna;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-għan tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li parti sostanzjali tal-merkanzija interna li tinġarr bit-triq tiġi trasferita lejn il-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni, u FILWAQT LI JILQA' l-għan tal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti li jiġu żviluppati passaġġi fuq l-ilma interni tul il-kuritur tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u fiċ-ċentri tal-ibliet fejn huwa importanti li l-loġistika urbana tiġi ekoloġizzata sal-aħħar naqra;

FILWAQT LI JILQA' d-diskussjonijiet dwar il-proposti dwar infrastruttura alternattiva tal-fjuwils u dwar ir-reviżjoni tal-linji gwida tan-network trans-Ewropew tat-trasport dwar l-iżvilupp u t-titjib tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li ser iwasslu għal trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni aktar sostenibbli u reżiljenti;

FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) riveduta għas-snin 2021-2027, kif ukoll tal-programm Orizzont Ewropa;

1. JIRRIKONOXXI l-importanza tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni fit-triq lejn mobilità mingħajr emissjonijiet bħala mezz ta' trasport sostenibbli u inqas konġestjonat, u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi żviluppat bis-sħiħ il-potenzjal tiegħu b'mod sostenibbli, b'passi konkreti u permezz ta' miżuri adatti kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri, filwaqt li tiġi żgurata l-kompetittività tiegħu.
2. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jitqiesu ċ-ċirkostanzi differenti fl-Istati Membri fir-rigward tal-potenzjal tal-passaġġi fuq l-ilma interni.
3. JENFASIZZA l-importanza li jiġu żviluppati strateġiji biex jiġi indirizzat l-impatt tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni fuq it-tibdil fil-klima u l-ambjent u viċi versa permezz ta' riċerka ddedikata u investimenti konnessi.

4. JAGĦRAF l-impatt qawwi tat-tibdil fil-klima fuq it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni, b'mod partikolari fuq in-navigabbiltà, l-operat u l-ġestjoni tal-ilma, kif muri mill-bidliet fil-livell tal-ilma ta' taħt l-art iżda wkoll min-nixfiet severi u l-perjodi ta' xita qawwija f'dawn l-aħħar snin, u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tittejjeb in-navigabbiltà billi jiġi implimentat l-Istatus ta' Navigazzjoni Tajjeb f'konformità mal-linji gwida tat-TEN-T.
5. JAGĦRAF ir-rwol ċentrali li t-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni għandu fid-dekonġestjoni tal-agglomerazzjonijiet urbani u fil-vjeġġi ta' merkanzija tqila u ta' volumi kbar ta' materjal importanti tal-kostruzzjoni, ta' prodotti agrikoli, tal-azzar, ta' kimiċi u tal-enerġija, inkluż l-esportazzjoni ta' merkanzija Ukrena permezz tal-Korsiji ta' Solidarjetà, b'mod partikolari permezz tad-Danubju.
6. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ostakli amministrattivi u infrastrutturali kollha li fadal fuq terminu qasir, medju u twil, filwaqt li jiġi rrispettat id-dritt ambjentali, sabiex jiżiedu l-effiċjenza u l-kapaċità tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u biex tiġi żgurata navigazzjoni sikura in ġenerali.
7. JIFFOKA fuq il-punti bażiċi għal trasport effettiv fil-passaġġi fuq l-ilma interni u l-ħtieġa għal aktar żvilupp u koordinazzjoni fl-oqsma li ġejjin:
 - it-tiġdid tal-flotta, fejn ikun il-każ, biex tinkiseb effiċjenza akbar fit-trasport, tħaddim ekonomiku ta' bastimenti iżgħar u fejn possibbli mobilità mingħajr emissjonijiet, adattament għall-ilmijiet baxxi filwaqt li titqies il-ħtieġa li t-trasport jiġi dekarbonizzat u li jissaħħu r-reżiljenza għall-klima, is-sikurezza tan-navigazzjoni billi jiġu rrispettati u mħarsa l-kundizzjonijiet ambjentali lokali ta' kull passaġġ fuq l-ilma intern partikolari;
 - infrastruttura affidabbli, sostenibbli u kontinwament miżmuma tajjeb b'navigabbiltà adegwata u ekonomikament fattibbli, b'mod partikolari, matul perjodi ta' ilma baxx, filwaqt li jiġu żgurati konnessjonijiet rapidi ma' modi ta' trasport oħra;
 - postijiet tax-xogħol sikuri u siguri għall-ħaddiema, anke f'sitwazzjonijiet mhux previsti bħall-pandemija tal-COVID-19;
 - id-diġitalizzazzjoni biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' kull ma jissemma qabel, kif ukoll l-awtomatizzazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-effiċjenza enerġetika u t-tagħmir li faċli jiġi riċiklat.

8. JAPPOĠĠA t-tnejn u l-adozzjoni ta' standards għal rekwiżiti tekniċi, il-kwalifiki tal-membri tal-ekwipaġġ u teknoloġija tal-informazzjoni minn CESNI, u JIRRAKKOMANDA wkoll l-iżvilupp ta' standards tekniċi għall-użu ta' fjuwils alternattivi, teknoloġiji sostenibbli u mingħajr emissjonijiet u awtomatizzazzjoni kif ukoll standards ta' kwalifiki professjonali, bħala parti mill-istandards tas-CESNI msemmija hawn fuq.
9. JILQA' l-pjanijiet għal titjib intelliġenti u sostenibbli fit-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u fil-portijiet. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposta tagħha għar-reviżjoni tal-leġislazzjoni attwali tal-Unjoni fil-qasam tas-Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar, filwaqt li titqies il-ħidma mwettqa minn CESNI f'dan il-qasam u tiġi prevista struttura operazzjonali permanenti għal punt uniku ta' aċċess, bil-ħsieb li jittejbu l-armonizzazzjoni u l-interoperabbiltà, fejn ikun ġeografikament possibbli, u tiġi appoġġata wkoll ir-riċerka dwar ir-reżiljenza għall-klima u t-tbaħħir intelliġenti. IQIS li l-passaġġi fuq l-ilma interni u l-portijiet huma komponent essenzjali tat-trasport multimodali u għalhekk għandhom jiġu integrati fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat. L-għan għandu jkun li d-Direttiva tiġi stabbilita bħala għodda effettiva, li tappoġġa l-operazzjonijiet multimodali tat-trasport tal-merkanzija, b'enfasi partikolari fuq konnessjonijiet u interoperabbiltà transfruntiera u mingħajr xkiel, fejn ġeografikament possibbli, li jkomplu jiġu msaħħa aktar permezz tad-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni.
10. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jkomplu u jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni u t-tħaddim armonizzati tas-Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS), kif ukoll l-implimentazzjoni tar-regolament eFTI għall-informazzjoni relatata mat-trasport ta' merkanzija, biex b'hekk tkun faċilitata ġestjoni aħjar tal-kurituri.
11. JIRRIKONOXXI li s-settur tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni qed jiffaċċa l-isfida ta' forza tax-xogħol li qed tixjieħ u għalhekk, jeħtieġ li jiġu mħeġġa kemm forza tax-xogħol aktar diversifikata u bbilanċjata fir-rigward tal-età u tal-ġeneru kif ukoll parteċipanti laterali minn setturi oħra.
12. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Istati Membri u s-settur jaġixxu biex jiżguraw il-preżenza u d-disponibbiltà ta' persunal kwalifikat fis-settur u fl-amministrazzjonijiet tagħhom anki billi l-edukazzjoni u l-kwalifiki jsiru aktar konformi mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għalhekk adatti għar-rekwiżiti futuri tas-suq tax-xogħol.

13. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jħejju u jimplimentaw strateġiji fit-tul, filwaqt li fejn ikun hemm bżonn jikkoordinaw l-azzjonijiet fil-grupp ta' esperti ta' NAIADES, u jibnu fuq skemi ta' appoġġ nazzjonali biex jinkisbu l-oġettivi tal-Pjan ta' Azzjoni NAIADES III.
14. JENFASIZZA l-ħidma li saret fi ħdan il-proġett PLATINA3⁸ bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni NAIADES III u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex mill-2023 tappoġġa proġett PLATINA4.
15. JENFASIZZA l-importanza ta' miżuri regolatorji u finanzjarji adatti, kif ukoll investimenti mis-settur privat u dak pubbliku, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni NAIADES III u għall-konformità mal-leġiżlazzjoni marbuta mat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u l-portijiet, filwaqt li jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Peress li l-ispejjeż tal-materjal u tal-enerġija qed jiżdiedu b'mod rapidu, huwa essenzjali li tingħata prijorità lill-finanzjament għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-validità futura tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni, immirat b'mod partikolari lejn it-titjib tal-infrastruttura, iżda anki lejn l-innovazzjoni tal-flotta u t-tnaqqis tal-emissjonijiet.
16. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex fit-tħejjija ta' sejħiet oħra għal proposti taħt il-FNE, Orizzont Ewropa u strumenti u programmi oħra tal-Unjoni tqis kull ma jissemma hawn fuq.
17. JENFASIZZA li s-settur privat iġorr ukoll responsabbiltà biex jintlaħqu u jingħata kontribut għall-għanijiet li jikkonċernaw il-bidla modali, id-diġitalizzazzjoni, il-protezzjoni tal-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima u JAPPELLA lis-settur jintensifika l-inizjattiva tiegħu fid-dawl tal-iżviluppi attwali.
18. JAGĦRAF l-importanza tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni internazzjonali eżistenti u l-għarfien espert tal-kummissjonijiet tan-navigazzjoni tax-xmajjar għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-iżvilupp tal-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni u r-rwol kruċjali tagħhom fl-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

⁸ <https://platina3.eu/>

19. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab internazzjonali, bħas-CCNR, il-Kummissjoni tad-Danubju, il-Kummissjoni Internazzjonali tal-Baċin tax-Xmara Sava, l-UNECE u l-EUSDR, jaħdmu flimkien bl-għan li jtejbu l-konnettività, jiżguraw navigazzjoni bla xkiel u jifflu opportunitajiet ġodda tas-suq, u JISTIENEN lill-Kummissjoni tikkoordina bejn il-politiki tal-UE u l-politiki ta' dawn is-sħab internazzjonali.
-